MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 440/2006

**Alexander Miggiani**
**(ID 36266 M)**

**Vs**

**Ic-Chairman Water Services Corporation**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta` Mejju, 2006, fejn intalab li l-korporazzjoni konvenuta ghandha tigi kkundannata thallsu s-somma ta` mitejn u sittax il-lira, tnejn u disghin centezmu (Lm 216.92) jew somma verjuri rapprezentanti danni kawzati fil-vettura tal-attur li ggib in-numru DBQ 882 meta nqalghet tappiera proprjeta` tal-korporazzjoni minn triq mnejn kien ghaddej l-attur nhar is-6 ta` Awissu, 2004.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra nterpellatorja u bl-imghaxijiet legali kontra l-Korporazzjoni konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-Korporazzjoni konvenuta datata 6 ta` Gunju, 2006 fejn preliminarjament talbet aktar dettalji tal-kaz u kif ukoll ikkontestat it-talba attrici b'mod generika oltre li saret riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Illi ghalkemm il-partijiet inghataw l-opportunita` sabiex jaghmlu nota ta` osservazzjoni finali ebda wahda minnhom ma ghamlet uzu minn din il-fakolta`.

Ikkunsidra.

L-attur Miggiani xehed li waqt li kien ghaddej fi Triq San Pawl il-Bahar fejn hemm il-Kunsill Lokali u l-Bank meta gie ghal liwja hass il-vettura tieghu timmolla qisu qala` daqqa minn taht. Meta niezel mill-vettura nnota li huwa kien laqghat tappiera mghollija 'l fuq.  Per konsegwenza ta` dan kellu jibdel it-tyre li nfaqa` pero` l-hsara kienet aktar serja minn daqshekk peress illi ra li r-rota kienet pjuttost mghawga, liema hsarat jikkonferma kienu dawk li huwa sewwa kif jirrizulta mid-dokumenti minnu ezebiti bhala Dok. AM 1 sa Dok. AM 3. Ta` dan ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija.

Jigi notat li l-Korporazzjoni konvenuta ma resqet ebda provi kuntrarji ghal dawk migjuba mill-attur u anqas ma gew prodotti xi provi in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

U peress illi l-kwantum mitlub mill-attur jinsab ipprovat soddisfacentement tramite d-dokumenti ezebiti anzi jidher li hareg 32 centezmu aktar minn dak mitlub.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi, dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-Korporazzjoni konvenuta, kwindi jilqa` t-talbiet ta` l-attur u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess Korporazzjoni konvenuta thallas lill-attur l-ammont mitlub ta` Lm 216.92, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess Korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------